## P7_TA(2010)0226

# Politiki tal-UE favur id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar politiki tal-UE favur id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (2009/2199(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjonijiet Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (IOCPR) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-attivitajiet tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sitwazzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra t-Trattat ta' Lisbona, b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 21 tiegħu, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u b'mod partikolari l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottati f'Ġunju 2004, u riveduti fl-2008; wara li kkunsidra wkoll il-Linji Gwida dwar id-Djalogi tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottati f'Diċembru 2001 u riveduti fl-2009,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2007 dwar it-tħaddim tad-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi[1],

– wara li kkunsidra l-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet esterni tal-UE,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (EIDHR)[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' April 2002 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fil-pajjiżi terzi[3],

– wara li kkunsidra l-linji gwida speċifiċi għall-azzjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fiż-żjarat tagħhom f'pajjiżi terzi,

– wara li kkunsidra l-Istatut tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb, adottat mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament Ewropew fil-15 ta' Mejju 2003, u modifikat fl-14 ta' Ġunju 2006,

---

[1] ĠU C 187 E, 24.7.2008, p. 214.
[2] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1.
[3] ĠU C 131 E, 5.6.2003, p. 147.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, u speċjalment l-annessi dwar każijiet individwali,

– wara li kkunsidra d-dibattiti regolari u r-riżoluzzjonijiet ta' urġenza dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar azzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa biex titjieb il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jkunu promossi l-attivitajiet tagħhom, adottata fis-6 ta' Frar 2008,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata fl-24 ta' Frar 2009 mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa[1],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni dwar l-istatus legali tal-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi fl-Ewropa[2], adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fl-10 ta' Ottubru 2007,

– wara li kkunsidra l-istrumenti reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli (ACHPR) dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi[3],

– wara li kkunsidra l-programmi li qed jiġu implimentati f'xi Stati Membri tal-UE għall-protezzjoni u l-kenn tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li huma mhedda,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0157/2010),

A. billi, skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, kull stat membru għandu r-responsabilità li jippromwovi r-rispett universali u l-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem,

B. billi, skont id-Dikjarazzjoni tan-NU adottata fl-1998, 'difensur tad-drittijiet tal-bniedem' huwa terminu użat biex jiddeskrivi persuni li, individwalment jew ma' oħrajn, jaġixxu biex jippromwovu jew jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem permezz ta' mezzi paċifiċi,

C. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha huma atturi kruċjali fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem, ħafna drabi b'riskju għall-ħajja tagħhom stess, u billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma wkoll atturi importanti għall-konsolidazzjoni tal-prinċipji demokratiċi fil-pajjiżi tagħhom, iżommu l-imparzjalità u t-trasparenza fix-xogħol tagħhom u jiżviluppaw il-kredibilità permezz ta' rappurtaġġ preċiż, u b'hekk ikunu r-rabta umana bejn id-demokrazija u r-rispett għad-

[1] RES/1660(2009).
[2] CM/Rec(2007)14.
[3] ĠU L 243, 15.09.2009, p. 1.

drittijiet tal-bniedem,

D. billi l-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huwa element li ilu stabbilit tal-politika tar-relazzjonijiet barranin tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi, madankollu, l-appoġġ tal-UE jvarja skont il-pajjiżi konċernati,

E. billi b'mod partikolari l-Unjoni Ewropea għandha interess speċifiku li ssaħħaħ il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, kif previsti fit-Trattat ta' Lisbona, permezz tal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR),

F. billi l-Parlament Ewropew għandu rwol importanti fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, inkluż il-ħarsien tad-difensuri tagħhom, permezz ta' delegazzjonijiet lejn pajjiżi terzi, seduti ta' smigħ, riżoluzzjonijiet, ittri u mhux l-inqas il-Premju Sakharov, kif ukoll fir-rapporti tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja,

G. billi l-Unjoni Ewropea qegħda kulma jmur dejjem tikkoordina aktar l-azzjonijiet tagħha ma' mekkaniżmi oħra reġjonali u internazzjonali, stabbiliti fl-Afrika, fl-Ewropa u fl-Amerika ta' Fuq u ta' Isfel biex jissorveljaw mill-qrib is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tħeġġeġ lill-Istati biex jiżguraw ambjent li jagħti lok lid-difensuri li jagħmlu x-xogħol tagħhom, skont l-obbligi internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem,

H. billi l-kredibilità tal-Unjoni Ewropea bħala protettur tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja hija marbuta mill-qrib mar-rispett intern tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali,

I. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem iħabbtu wiċċhom huma stess ma' ksur tad-drittijiet tal-bniedem waqt ix-xogħol tagħhom, u billi dan il-ksur jinkludi l-qtil, it-theddid ta' qtil, is-sekwestru u l-ħtif, l-arrest u d-detenzjoni arbitrarji, u azzjonijiet oħra ta' kedd u intimidazzjoni, pereżempju permezz ta' kampanji ta' malafama, u billi dan il-ksur jista' wkoll isir fuq il-qraba immedjati tagħhom (inklużi wliedhom), u qraba oħra tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex iwaqqfuhom milli jkomplu jwettqu l-attivitajiet tagħhom; billi l-kampanji tad-drittijiet tal-bniedem huma affettwati f'bosta reġjuni minn restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tagħhom u l-persekuzzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

J. billi l-protezzjoni tad-difensuri individwali tad-drittijiet tal-bniedem teħtieġ l-infurzar tal-politiki tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem inġenerali,

K. billi n-nisa difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma partikolarment f'riskju, u billi gruppi u kategoriji oħra ta' difensuri li huma partikolarment esposti għal attakki u għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem bħala riżultat tax-xogħol li jwettqu jinkludu difensuri li jaħdmu sabiex jippromwovu d-drittijiet ċivili u politiċi - b'mod partikolari il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi reliġjużi - kif ukoll id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, notevolment drittijiet kollettivi bħad-dritt għall-ikel u l-aċċess għal riżorsi naturali, inklużi t-trejdjunjonisti, kif ukoll dawk li jaħdmu għad-drittijiet tal-minoranzi u tal-komunità, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet ta' popli indiġeni u d-drittijiet ta' persuni LGBT, u n-nies li jiġġieldu kontra l-korruzzjoni,

L. billi l-mezzi li jintużaw biex jiġu ppersegwitati d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kulma jmur qed ikun dejjem aktar sofistikati, permezz ta' teknoloġiji ġodda, iżda wkoll permezz ta' liġijiet li jirrestringu lill-NGOs u ostakoli amministrattivi li jillimitaw ħafna l-ispazju u l-possibilitajiet li wieħed jopera għal soċjetà ċivili indipendenti; filwaqt li jenfasizza, f'dan ir-rigward, li ċerti gvernijiet jostakolaw jew iżommu lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem milli jirreġistraw l-organizzazjonijiet b'mod uffiċjali u mbagħad jiftħulhom proċessi legali talli jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' libertà tal-għaqda b'mod illegali,

M. billi dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu ksur ċar tal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u sensiela ta' libertajiet fundamentali rikonoxxuti b'mod universali,

N. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma wkoll ristretti u kultant ikunu fil-mira diretta ta' politiki, leġiżlazzjoni u proċeduri deskritti bħala miżuri ta' "sigurtà", li spiss ikunu akkumpanjati minn stigmatizzazzjoni u akkuża ta' terroriżmu,

O. billi d-diffikultajiet speċifiċi li jaffaċċjaw l-assoċjazzjonijiet u l-assemblei tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jibqgħu s-sekwestru tal-għamara, l-għeluq tal-postijiet ta' ħidma, l-impożizzjoni ta' multi kbar u l-iskrutinju metikoluż u soġġettiv tal-kontijiet bankarji,

P. billi l-ftehimiet tal-kummerċ li fihom klawsola tad-drittijiet tal-bniedem jistgħu jipprovdu lieva min-naħa tal-UE billi jipprevedu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u jagħmlu l-kummerċ soġġett għal dan,

1. Jagħti ġieħ lill-kontribut imprezzabbli li jagħtu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-prevenzjoni tal-konflitti, filwaqt li jissugraw is-sigurtà personali tagħhom stess u dik tal-familji u l-ġenituri tagħhom; jilqa' l-fatt li d-Dikjarazzjoni tan-NU tal-1998 ma tipprovdix definizzjoni stretta tat-terminu 'difensur tad-drittijiet tal-bniedem' u, f'dan is-sens, jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jappoġġjaw bis-sħiħ dan l-approċċ;

2. Jistieden lill-UE tagħti prijorità lil implimentazzjoni aktar effettiva tal-għodda u l-mekkaniżmi eżistenti għal ħarsien koerenti u sistematiku tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan l-UE; jirrakkomanda li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tiżviluppa miżuri u metodoloġija aktar effettiva u orjentata lejn ir-riżultati, inklużi l-evalwazzjonijiet tal-politiki u tad-djalogi eżistenti dwar id-drittijiet tal-bniedem;

3. Iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jesprimu r-rieda politika tagħhom biex jappoġġjaw l-azzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u b'hekk jagħmlu użu aħjar mill-għodda kollha eżistenti u jiżviluppaw mekkaniżmi ġodda kumplimentari li jappoġġaw u jippromwovu l-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' strateġija ġenwinament parteċipattiva, li għandha tagħti kontribut għal ambjent favorevoli għad-difensuri li fih ikunu jistgħu iwettqu l-ħidma tagħhom u jgawdu ħarsien; jenfasizza li dan għandu jsir flimkien ma' politika mmirata lejn il-prevenzjoni u l-ħarsien minn attakki u theddid kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, permezz ta' miżuri urġenti kif ukoll ta' miżuri fit-tul;

***It-tisħiħ u l-innovazzjonijiet istituzzjonali taħt it-Trattat ta' Lisbona***

4. Ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona, kif spjegat fl-Artikolu 3 u 21 tiegħu, ipoġġi l-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tal-azzjoni esterna tal-Unjoni; jenfasizza li għandha tingħata prijorità biex ikun żgurat li l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kemm bħala valur bażiku kif ukoll bħala għan tal-politika barranija tal-Unjoni, tkun riflessa kif xieraq fil-ħolqien u fl-istruttura tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), anke permezz tal-ħatra ta' riżorsi umani suffiċjenti; jitlob għalhekk li jinħoloq punt fokali ċentrali b'responsabbiltà speċifika għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan l-SEAE;

5. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mill-missjonijiet tal-UE s'issa ma kenitx sodisfaċenti, u jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi fil-fond biex tiżgura li din il-kwistjoni se tiġi indirizzata; jinnota, f'dan ir-rigward, li bħala konsegwenza tal-adozzjoni tat-Trattat ta' Lisbona, id-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-pajjiżi terzi, issa li saru delegazzjonijiet tal-Unjoni, huma mitluba jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet il-ġodda, iżda ngħataw ukoll aktar responsabilitajiet biex jindirizzaw din il-kwistjoni, bi rwol dejjem aktar importanti f'termini ta' rappreżentazzjoni tal-UE u tal-implimentazzjoni tal-politika tad-drittijiet tal-bniedem; għalhekk itenni s-sejħa tiegħu biex għal kull pajjiż jinħatar sistematikament uffiċjal politiku bi kwalifiki għolja b'responsabilità speċifika għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u biex il-linji gwida u l-iżvilupp tal-aqwa prattiki dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-implimentazzjoni tagħhom jiġu integrati fil-programmi tat-taħriġ, fid-deskrizzjonijiet tal-impjiegi u fil-proċessi ta' evalwazzjoni tal-persunal tal-UE;

6. Jenfasizza l-importanza tal-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki tal-kummerċ, is-sħubijiet u l-ftehimiet kummerċjali bejn l-UE u pajjiżi terzi; jipproponi "evalwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem" ta' pajjiżi terzi li għandhom relazzjonijiet kummerċjali mal-UE;

7. Jistenna li l-ħatra tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, li fl-istess ħin hi Viċi President tal-Kummissjoni, u l-ħolqien ta' Servizz ta' Azzjoni Esterna komuni, jistgħu konsiderevolment itejbu l-koerenza u l-effettività tal-UE f'dan il-qasam, u jirrakkomanda bil-qawwa li t-tħejjija ta' strateġiji lokali b'koperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili indipendenti lokali, inkluża l-evalwazzjoni regolari tagħhom, tkun istituzzjonalizzata mill-HR/VP, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni reali tal-miżuri ta' protezzjoni stabbiliti fil-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Iqis li huwa meħtieġ li jitjiebu l-kuntatti mas-soċjetà ċivili indipendenti, u li jsir segwitu sistematiku tagħhom, kif ukoll l-aċċess għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għad-delegazzjonijiet tal-UE u għall-missjonijiet fuq il-post; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, it-talba mill-Presidenza Spanjola li jinħatar uffiċjal ta' kollegament lokali komuni minn fost il-missjonijiet tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, bir-responsabbiltà li jikkoordina l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea billi jippromwovi l-aċċess miżjud għall-informazzjoni li tikkonċerna l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-koperazzjoni mas-soċjetà ċivili biex fl-istess ħin jiżgura t-trasparenza fil-mod li bih jeżerċitaw ir-responsabiltajiet tagħhom u l-possibbiltà ta' reazzjoni rapida, b'mod flessibbli, fil-każ ta' emerġenza; jitlob li l-Parlament jiġi nfurmat b'dawn il-ħatriet;

***Lejn approċċ aktar koerenti u sistematiku fil-Politika tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE***

9. Huwa mħasseb bin-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem; jinsisti li dawn il-linji gwida jkunu implimentati kif jixraq u

b'mod sħiħ mid-Delegazzjonijiet kollha tal-UE u li jsiru sforzi akbar sabiex jiġi żgurat li huma kollha jkunu żviluppaw strateġiji ta' implimentazzjoni lokali qabel tmiem l-2010, jew, fejn l-istrateġiji jkunu jeżistu diġà, li jiġu riveduti sal-istess żmien; jitlob li l-lista ta' dawn l-istrateġiji lokali tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew u ppubblikata fir-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

10. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lid-delegazzjoniiet tal-UE biex b'mod attiv jinvolvu lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tagħhom fil-proċessi tal-abbozzar, monitoraġġ u reviżjoni tal-istrateġiji lokali, għax dan se jinfluwenza l-valur effettiv ta' dawn l-istrateġiji;

11. Iqis li l-laqgħat mill-inqas darba f'sena bejn id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u d-diplomatiċi, kif mitluba fil-linji gwida tal-UE, jistgħu b'mod ċar jagħtu kontribut għal ħolqien ta' proċessi ta' dan it-tip, u jinkoraġġixxu laqgħat aktar regolari u sistematiċi fil-ġejjieni; jappella għal sforzi biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni f'tali laqgħat mid-diversi profili ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem attivi fil-pajjiż u l-parteċipazzjoni mid-difensuri mir-reġjuni;

12. Jistieden, għalhekk, lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni biex tikkunsidra l-possibilità li tkun organizzata laqgħa internazzjonali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, bil-parteċipazzjoni tal-korpi relevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, is-segretarjati tal-konvenzjonijiet reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem u NGOs internazzjonali u reġjonali, bl-għan li tittejjeb il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u li jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja;

13. Jenfasizza l-bżonn ta' perspettiva tas-sessi fl-implimentazzjoni tal-linji gwida, b'azzjonijiet immirati favur id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u gruppi oħra partikolarment vulnerabbli, bħall-ġurnalisti u d-difensuri li jaħdmu biex jippromwovu d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, id-drittijiet tat-tfal, u anke dawk f'ħidma li tikkonċerna d-drittijiet tal-minoranzi – b'mod partikolari d-drittijiet ta' minoranzi reliġjużi u lingwistiċi – id-drittijiet ta' popli indiġeni u d-drittijiet ta' persuni LGBT;

14. Jenfasizza l-importanza tal-libertà tal-espressjoni u r-rwol tal-midja online u offline, bħala mezz li jaġevola l-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

15. Jikkunsidra li l-iżviluppi ta' teknoloġiji ġodda u l-impatt tagħhom fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu evalwati u r-riżultati integrati fil-programmi tal-UE eżistenti tad-drittijiet tal-bniedem u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

16. Hu tal-fehma li l-aspetti ewlenin ta' strateġiji lokali għall-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem għandhom ikunu riflessi fid-dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi/il-Programmi Indikattivi Nazzjonali, fil-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV, fil-Programmi ta' Azzjoni Annwali tal-EIDHR u fl-Istrument għall-Istabbiltà;

17. Itenni li permezz tat-Trattat ta' Lisbona, il-promozzjoni, il-protezzjoni u s-sigurtà tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jitpoġġew bħala kwistjoni ta' prijorità fir-relazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi u għandhom ikunu integrati fil-livelli kollha u fl-aspetti u fl-istrumenti kollha tal-politika barranija tal-Unjoni sabiex tiżdied il-koerenza, l-effikaċja u l-kredibilità tal-appoġġ tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; iqis li l-iżvilupp, l-implimentazzjoni effettiva u s-segwitu regolari ta' strateġiji tal-pajjiżi

speċifiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għal dan l-approċċ;

18. Iqis li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi ser ikunu protetti aħjar jekk id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE ikunu aktar effettivi; jenfasizza l-bżonn li b'mod sistematiku titqajjem is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fid-djalogi kollha politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem u fin-negozjati kummerċjali ma' pajjiżi terzi, u b'mod aktar ġenerali s-sitwazzjoni u t-titjib tad-dritt għal-libertà tal-assoċjazzjoni, f'leġiżlazzjonijiet nazzjonali, regolamenti u prattiki nazzjonali, ifakkar lill-imsieħba dwar ir-responsabbiltà tal-Istati li jiżguraw li l-obbligi u d-drittijiet kollha inkorporati fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ikunu inklużi fil-liġi nazzjonali, inkluż id-dritt għall-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà tal-għaqda u d-dritt li jirċievu finanzjament domestiku u barrani bi trasparenza sħiħa u fir-rispett tal-awtonomija tad-deċiżjoni tagħhom, kif ukoll il-libertà tal-espressjoni, li hija dritt li hu essenzjali għall-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-istati sħab għandhom ukoll jiġu mfakkra dwar l-obbligu u r-responsabbiltà li jipproteġu u jippromwovu r-rispett tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol tagħhom, billi joħolqu l-kundizzjonijiet li jippermettu l-eżerċizzju sħiħ tal-promozzjoni, tal-monitoraġġ u tar-rappurtar dwar id-drittijiet tal-bniedem;

19. Hu tal-fehma li rigward il-finanzjament domestiku u barrani, għandhom jiġu adottati kriterji speċifiċi f'bilanċ bejn it-trasparenza xierqa u l-kunfidenzjalità meħtieġa; jitlob li jittieħdu miżuri biex jiżguraw li jitqies kull kriterju ieħor li jista' jkun invokat mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jekk ikun ikkunsidrat essenzjali għat-twettiq tax-xogħol tagħhom;

20. Itenni li d-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew, bħala korpi responsabbli mir-relazzjonijiet tal-PE ma' pajjiżi terzi, jista' jkollhom rwol aktar sostanzjali fl-isforz biex jgħinu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, skont il-linji gwida speċifiċi għad-drittijiet tal-bniedem u l-azzjonijiet favur id-demokrazija tal-MEPs fiż-żjarat tagħhom f'pajjiżi terzi;

21. Jitlob biex issir aktar enfasi fuq ir-rwol tal-Parlament Ewropew fid-djalogi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi;

22. Jinkoraġġixxi l-inklużjoni tal-komunità tan-negozji fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem;

23. Iqis li jinħtieġu strateġija koerenti u koordinata tal-UE kif ukoll lok għal irwoli kumplimentarji għall-Istati Membri rigward il-ħarsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

24. Jikkundanna l-klima ta' impunità għall-ksur imwettaq kontra d-difersuri f'diversi pajjiżi tad-dinja; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqajmu din il-kwistjoni fil-kuntatti bilaterali tagħhom, u jħeġġu lill-istati kollha sabiex jiżguraw li min wettaq delitt, indipendentement mill-pożizzjoni jew mill-funzjoni tiegħu, jitressaq quddiem il-ġustizzja permezz ta' proċeduri dixxiplinarji u kriminali indipendenti u effettivi, dejjem fil-konsiderazzjoni tal-possibilità ta' appell finali quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji ġudizzjarji domestiċi tal-istat;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-invokazzjoni tas-sigurtà nazzjonali u pubblika, inkluż

il-kontroterroriżmu, ma jiġux użati b'mod arbitrarju kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

26. Jirrimarka li l-parlamentari għandhom ukoll rwol kruċjali meta jiġu biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tista' potenzjalment taffettwa d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivitajiet tagħhom, tinġieb konformi ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment tad-drittijiet tal-bniedem; għalhekk jenfasizza l-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet li jkunu qed jiġu indirizzati b'mod sistematiku mill-Membri tal-Parlament Ewropew f'laqgħat bilaterali u multilaterali ma' deputati parlamentari oħrajn u ma' esperti fuq il-post, f'konformità mal-linji gwida speċifiċi għall-azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija tal-Membri tal-PE fiż-żjarat tagħhom f'pajjiżi terzi;

27. Jenfasizza l-importanza li s-soċjetà ċivili indipendenti tkun involuta b'mod sħiħ fil-preparazzjoni tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, permezz ta' seminars tas-soċjetà ċivili jew mezzi oħra; iqis li r-rabta bejn is-seminars tas-soċjetà ċivili u d-djalogu formali jeħtieġ li tissaħħaħ, permezz tal-pubblikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa, u ta' segwitu u feedback aħjar lis-soċjetà ċivili ġaladarba d-djalogu jkun sar; jenfasizza l-importanza li jkomplu jitqajmu każijiet individwali matul id-djalogi u jikkunsidra li jekk il-lista ta' ismijiet tkun magħmula pubblika dan itejjeb l-impatt tal-azzjonijiet tal-UE u jżid l-attenzjoni pubblika fuq dawn il-każijiet, sakemm l-iżvelar pubbliku ma jpoġġix fir-riskju d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-importanza tal-koperazzjoni ma' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem oħra u s-soċjetà ċivili fl-evalwazzjoni ta' tali riskju;

28. Iqis li l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), li diġà wera l-kapaċità tiegħu li jappoġġja u jippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt, għandu jkompli jtejjeb aktar l-appoġġ dirett għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tagħhom, kemm dawk għal żmien qasir kif ukoll dawk fit-tul, filwaqt li jkun żgurat li jilħaq ukoll lil gruppi partikolarment vulnerabbli u d-difensuri li jgħixu f'żoni remoti u żoni li fuqhom hemm anqas attenzjoni;

29. Jappella lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli biex jiddenunzjaw u jċanfru b'mod sistematiku l-kumpaniji internazzjonali meta dawn jipprovdu r-reġimi oppressivi b'teknoloġija ta' sorveljanza, li permezz tagħha l-persekuzzjoni u l-arresti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jiġu ffaċilitati;

***Aktar trasparenza u viżibilità bħala miżura ta' protezzjoni***

30. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iżidu l-kuxjenza fost il-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-SEAE, l-ambaxxati tal-UE u l-Ministeri Barranin tal-UE dwar l-eżistenza tal-linji gwida permezz ta' azzjonijiet immirati sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu approprjati u applikati b'mod sħiħ; iqis li l-laqgħat annwali previsti fil-linji gwida ikunu ta' appoġġ sostanzjali għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jżidu wkoll il-kredibilità u l-viżibilità tal-azzjoni tal-UE, u b'hekk juru b'mod ċar kemm hija importanti l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għall-UE;

31. Jenfasizza li r-rikonoxximent pubbliku u l-viżibilità mogħtija lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lix-xogħol tagħhom jista' wkoll jikkontribwixxi għall-ħarsien tagħhom f'ċirkostanzi diffiċli, billi dawk li jistgħu jagħmlulhom il-ħsara jista' jkun li jibqgħu lura milli jaġixxu meta l-abbużi ma jseħħux inosservati; jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lid-delegazzjonijiet tal-UE biex, kull meta jkun possibbli, jippubblikaw démarches u

attivitajiet oħra li jkunu twettqu rigward xi każ speċifiku, dejjem b'konsultazzjoni mad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem u l-familja tiegħu jew tagħha; jistieden lill-Missjonijiet tal-UE biex jipprovdu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u/jew il-familji tagħhom kif ukoll NGOs li infurmaw l-UE dwar każ partikolari b'feedback sistematiku dwar kwalunkwe azzjoni, ikun xi ikun il-format tagħha, meħuda għan-nom tagħhom, kif spjegat fil-linji gwida;

32. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kummissarji kollha b'responsabilitajiet fil-qasam tar-Relazzjonijiet Esterni biex b'mod sistematiku jiltaqgħu mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem meta jivvjaġġaw b'mod uffiċjali f'pajjiżi terzi, u jenfasizza li l-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandu b'mod imperattiv ikun inkluż fil-mandat tar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE; jenfasizza li kemm ir-Rappreżentant Għoli kif ukoll ir-Rappreżentanti Speċjali se jinżammu responsabbli mill-Parlament Ewropew għall-azzjoni tagħhom f'dan ir-rigward;

33. Jenfasizza l-ħtieġa li b'mod attiv jiġu appoġġati u żviluppati proposti dwar kif in-netwerk tal-Premju Sakharov, imniedi f'Diċembru 2008 fl-okkażjoni tal-20 Anniversarju tal-Premju Sakharov, jista' jintuża bħala parti minn appoġġ sostnut għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u anke biex wieħed jikkapitalizza aħjar mill-kontribut possibbli ta' dawk li jingħataw il-premju għal azzjonijiet differenti mill-Parlament Ewropew, bl-għan li jwettaq il-mandat tiegħu; itenni t-tħassib tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' xi rebbieħa tal-Premju Sakharov;

***Lejn azzjoni aktar ikkoordinata u orjentata lejn ir-riżultati favur id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem***

34. Iqis li l-UE jeħtieġ li tiżviluppa approċċ olistiku lejn id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem sabiex tiżdied il-kredibilità u l-effiċjenza tal-politika tal-UE fost l-Istati Membri tal-UE u b'relazzjoni ma' pajjiżi terzi, billi fl-istess waqt jiġu inklużi miżuri ta' appoġġ biex jiżguraw l-attivitajiet tagħhom, kif ukoll miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kemm dawk għal żmien qasir kif ukoll dawk għal żmien twil; jenfasizza li l-istrateġija riveduta tal-EIDHR u l-linji gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jirriflettu dan l-approċċ;

35. Iqis li l-UE għandha tindika b'mod ċar is-sanzjonijiet xierqa li jistgħu jkunu applikati fil-pajjiżi terzi li jwettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u japplikawhom; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill u b'mod partikolari lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex jagħtu effett lill-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali, u b'hekk joħolqu mekkaniżmu ta' nfurzar ġenwin ta' din il-klawsola fl-ispirtu tal-Artikoli 8, 9 u 96 tal-Ftehim ta' Cotonou;

36. Iqis, sabiex tiġi żviluppata azzjoni aktar orjentata lejn ir-riżultati, li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandha tevalwa b'mod regolari l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' kull delegazzjoni tal-UE fil-pajjiżi terzi u tagħti prijorità u ssegwi dan ix-xogħol mill-qrib, u tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dawk il-missjonijiet għal azzjoni msaħħa fejn ikun ċar li l-implimentazzjoni tkun dgħajfa;

37. Jappella lill-Kunsill biex jagħmel l-Ewropa aktar aċċessibbli għad-difensuri tad-drittijiet

tal-bniedem li ma jistgħux joqogħdu fil-pajjiżi tagħhom; jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jippreparaw u jattwaw miżuri speċifiċi biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-Ewropa għal tali difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

38. Ifakkar il-ħtieġa li jingħeleb in-nuqqas ta' strateġija koerenti ta' protezzjoni u ażil bl-implimentazzjoni sistematika ta' miżuri u inizjattivi ta' emerġenza fuq il-medda l-qasira u t-twila taż-żmien; jitlob lir-Rappreżentant Għoli biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew sat-tmiem l-2010 dwar il-miżuri meħuda għal dan il-għan;

39. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jiżviluppaw bħala kwistjoni ta' prijorità, politika kkoordinata dwar il-ħruġ ta' viżi ta' emerġenza għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u għall-membri tal-familji tagħhom. L-iskemi speċjali li jeżistu fi Spanja u fl-Irlanda jistgħu jservu bħala eżempju ta' dan; jemmen bis-sħiħ li l-għoti tas-setgħa lid-delegazzjonijiet ġodda tal-Unjoni Ewropea biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar il-ħruġ ta' viżi ta' emerġenza jkun pass kbir 'il quddiem għall-politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-Unjoni; huwa tal-fehma li referenza ċara għal din il-possibbiltà fl-Abbozz ta' Manwal għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viżi u l-modifika ta' viżi maħruġa jkun ta' għajnuna kbira biex jitwettaq dan l-approċċ komuni, kif diġà ntqal mill-Parlament Ewropew matul il-proċess ta' skrutinju legali għall-miżura msemmija hawn fuq;

40. Iħeġġeġ is-27 Stat Membru biex isegwu l-istess linja fir-rigward tal-ħruġ tal-viżi lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

41. Jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-viżi ta' emerġenza jkunu akkumpanjati minn miżuri ta' protezzjoni temporanja u kenn fl-Ewropa għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li possibilment jagħtu riżorsi finanzjarji u akkomodazzjoni biex joffru kenn lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll programmi ta' akkumpanjament (attivitajiet tad-drittijiet tal-bniedem, letturi fl-universitajiet Ewropej, korsijiet tal-lingwi, eċċ.); jilqa' l-inizjattiva 'Bliet ta' Kenn' (Shelter Cities) promossa mill-Presidenza Ċeka kif ukoll il-Programm ta' Ħarsien u Kenn implimentat mill-Gvern Spanjol mill-2008, u jistieden lill-VP/HR fi ħdan is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Estern (SEAE) biex tiffinalizza programm Ewropew ta' Ħarsien u Kenn sal-aħħar tal-2010 biex jiġi implimentat fl-2011 mingħajr ma tneħħi r-responsabilità, madankollu, mingħand il-bliet; għalhekk jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex jippreżenta lill-Parlament Ewropew manwal dwar kif titwaqqaf belt ta' kenn kif ukoll proposta ta' qafas li tappoġġja n-netwerkjar bejn tali bliet; jitlob li jkun hemm aktar appoġġ għall-inizjattivi oħra li diġà jeżistu f'dan ir-rigward;

42. Jenfasizza wkoll li f'sitwazzjonijiet fejn il-ħajja jew is-saħħa fiżika u mentali ta' difensur tad-drittijiet tal-bniedem jistgħu jkunu f'riskju, l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE għandhom jappoġġaw u jiżviluppaw ukoll strumenti oħra ta' protezzjoni u mekkaniżmi ta' rispons urġenti; iqis li dan għandu jsir b'kooperazzjoni mill-qrib mad-difensuri lokali tad-drittijiet tal-bniedem u mas-soċjetà ċivili;

43. Jilqa' l-kooperazzjoni attwali bejn il-mekkaniżmi ta' protezzjoni eżistenti fil-livell Ewropew u internazzjonali, li jistgħu jiġu msaħħa aktar permezz ta' skambju sistematiku ta' informazzjoni u ta' strateġija, biex tkun żgurata kumplimentarjetà aħjar bejniethom kollha f'termini kemm ta' qsim ta' informazzjoni għal każijiet ta' emerġenza kif ukoll ta' koordinazzjoni għal azzjonijiet ta' appoġġ għal żmien twil, bħal pereżempju l-użu ta' pjattaforma sikura fuq l-internet aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha; jilqa' f'dan

ir-rigward il-laqgħat annwali organizzati mill-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll il-laqgħat annwali tal-“inter-mekkaniżmi” organizzati mill-Osservatorju għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, programm konġunt tal-Federazzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (FIDH) u l-Organizzazzjoni Dinjija Kontra t-Tortura (OMCT), bil-għan li tissaħħaħ l-interazzjoni bejn il-mekkaniżmi u l-istituzzjonijiet internazzjonali u reġjonali għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lit-taskforces eżistenti dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa, fil-qafas tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kunsill tal-Ewropa, inizjattiva tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, sabiex jistudjaw modi ta’ kif jistgħu jaħdmu aktar mill-qrib flimkien;

44. Jappella, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta’ Lisbona, lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jistabbilixxu mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni interistituzzjonali dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jagħraf li l-ħolqien ta’ mekkaniżmu ta’ dan it-tip jista’ jkun faċilitat permezz tat-twaqqif ta’ punti fokali għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet u fl-organi kollha tal-UE, b’tali punti fokali li jaħdmu b’koperazzjoni mill-qrib ma’ dawk responsabbli għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-missjonijiet u d-delegazzjonijiet tal-UE;

45. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jistudjaw il-possibilità li joħolqu sistema ta' twissija komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE u għall-mekkaniżmi l-oħra kollha ta' protezzjoni;

46. Jemmen li l-qsim tal-informazzjoni jista’ jkun faċilitat ukoll permezz tal-ħolqien ta’ bażijiet tad-data speċifiċi, jew "log books", sabiex jinżamm rendikont tal-attivitajiet imwettqa, b’mod speċjali rigward individwi, filwaqt li jiggarantixxi rispett sħiħ għall-kunfidenzjalità;

47. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex issegwi u timmonitorja b’mod regolari l-implimentazzjoni fuq il-medda qasira u t-twila taż-żmien tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u jirrapporta lura lis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament Ewropew;

o

o o

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE.